# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024**

**Numru 6**

**Rikors Numru 393/22TA**

**Renato Zampa (ID 280360M), Dolores Anna Zampa (ID 1563M), Angela Arrigo (ID 528660M), George Preca (ID 748058M) , Anna Galea Testaferrata (ID 44963M), Getra Limited (C 9692), Anthony Preca (ID 209736M) Maurizio Busuttil (ID 442633M), Carmela Busuttil (ID 319535M) Dr. Albert Grech (ID 113649M), Anthony Grech (ID 281351M) u Joseph Grech (K.I Numbru 147844M)**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**u**

**L-Awtorita tal-Artijiet**

**u b'digriet tad-19 ta' Diċembru 2022 ġiet intervjenuta f'dawn l-atti l-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Gwann**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Renato Zampa u oħrajn (ir-rikorrenti) tal-25 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. "Illi l-esponenti ilkoll jikru fondi kummercjali minghand l-Awtorita tal-Artijiet, mill-liema fondi huma imexxu n-negozju taghhom, ossija;

   i. Renato Zampa u Dolores Anna Zampa jikru 36, shop 3 u 37 shop 2, Triq Santa Lucia il-Belt
   ii. Angela Arrigo, George Preca u Anna Galea Testaferrata, jikru 38, Shop 1, Triq Santa Lucia il-Belt
   iii. Getra Limited tikri 48 u 48D, Triq r-Repubblika, Valletta
   iv. Anthony Preca jikri 35, Shop 4, Triq Santa Lucia il-Belt
   v. Maurizio Busuttil (ID 442633M) u Carmela Busuttil jikru 50D, Triq r-Repubblika l-Belt
   vi. Dr. Albert Grech u Anthony Grech jikru 34, Shop 5, Triq Santa Lucia il-Belt
   vii. Joseph Grech (K.I Numbru 147844M), 48 u 48d Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta;

2. Illi l-esponenti kienu ircevew ittra ufficjali ghall-kull kirja mill- Awtorita tal-Artijiet li permezz taghha l-istess Awtorita qegdha tippretendi illi tista tittermina l-kirja tal-fondi li huma jikru minghandha b'mod arbitrarju ai termini tal-Artikolu 21 tal- Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi l-esponenti konsegwentament intavolaw rikors kull wiehed quddiem t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva biex jikkuntestaw d-decizjoni amministrattiva mehudha, u konsegwentament qeghda tintalab dikjarazzjoni li l-ittri ufficjali mibghuta huma nulli u minghajr effett fil-ligi. Illi r-rikorsi huma ilkoll kontra l-Awtorita tal-Artijiet u ghandhom numri 126/2021, 127/2021, 128/2021, 129/2021, 130/2021, 132/2021, 133/2021 u 126/2021;

4. Illi dawn il-kawzi qeghdin jinstemghu flimkien u t-talbiet, risposti u d-digrieti moghtija f'kull kawza individwalment huma identici ghall-kawzi kollha. Dan ovjament sar bi qbil bejn il-partijiet u t-Tribunal.

5. Illi wahda mill-kawzali tal-esponenti kollha fir-rikorsi hawn fuq imsemmija tghid illi

   *Illi tali aġir da parti tal-Awtorità intimata huwa kjarament abbużiv u illegali stante li l-proprjetà mertu tal-istess ittra uffiċjali ma tappartjenix lill-Awtorità intimata u dan kif jirriżulta minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Franco Pellegrini datat 31 ta' Lulju 2001 (anness Dok. 'A') fejn il-Gvern ta' Malta u l-Arċidjoċeżi ta' Malta irrikonoxxew illi teżisti vertenza dwar it-titolu tant illi l-istess kuntratt sar "mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni eżistenti dwar il-proprjetà tal-Konkatidral (li kemm il-Gvern u l-Knisja jirritjenu illi hu proprjetà tagħhom) u għad-drittijiet li ż-żewġ naħat jgħidu li għandhom u li ilhom igawdu għal żmien twil."*

6. Illi l-esponenti fil-kawza rispettiva taghhom waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar 2022 konsegwentament kienu ilkoll ghamlu talba ghas-

soprasessjoni tat-Tribunal sakemm jigi determinat t-titolu tal-proprjetajiet mertu tal-kawza. Illi l-esponenti kienu talbu illi;

*Dr. Edward Debono ghar-rikorrenti jiddikjara li in vista tal-fatt illi l-proprjetà mertu ta' din il-kawza jigifieri min hu s-sid ta' tali proprjetà u min kwindi ghandu s-setgha li jmexxi ghall-izgumbrament tal-inkwilin fl-istess proprjetà hija kwistjoni sal-lum kontestata u storikament mhux rizolta u pendenti mill-1798 u cioe` mat-tluq tal-Ordni u tal-Francizi minn Malta. Kwindi qabel ma tkun tista' tipprocedi din il-kawza, trid qabel xejn tigi rizolta tali kwistjoni ta' proprjetà. Huwa ghalhekk li rrikorrenti odjern qieghed jitlob is-soprasessjoni pendenti tali determinazzjoni ta' proprjetà u dan kif jirrizulta mill-kuntratt tal-31 ta' Lulju 2001 esebit in atti.*

7. Illi t-Tribunal permezz ta' digrieti moghtija fit-28 ta' Marzu 2022 li kopja taghhom qeghdin jigu hawn annessa u mmarkata Dok A sa Dok H, kien cahad t-talba ghas-soprasessjoni.

8. Illi pero t-Tribunal fid-decizjoni tieghu mingħajr ma ntalab jagħmel hekk u b'mod li ppreġudika l-mertu eventwali ta' dawn il-kawżi, itrtatta ukoll il-mertu tal-kawza in kwistjoni, ossija esprima ruhu u ddecieda dwar t-talba ghan-nullita bbazata fuq il-fatt illi t-titolu tal-proprjetajiet mikrija lill-esponenti huwa mertu ta' kontestazzjoni u konsegwentament l-ittra ufficjali hija nulla.

9. Illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu, fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, fil-fatt qal illi;

*"… Illi iktar minn hekk huwa evidenti li l-Fondazzjoni tikkunsidra lill-Gvern ta' Malta bħala l-entita` li għandha dritt li ttemm il-kirjiet viġenti… Illi, għalhekk, fil-fehma ta' dan it-Tribunal anke jekk it-titolu fuq il-fondi in kwistjoni jista' jkun għadu materja kontestata, il-Gvern xorta waħda jista' jaġixxi fir-rigward ta' proprjeta` li tinsab fil-pussess tiegħu u amministrata minnu. Illi ma jistax jiġi kontestat illi meta l-Gvern ikkonċeda l-kirja tal-fond in kwistjoni kien qiegħed jagħmel att ta' amministrazzjoni, liema att qatt ma ġie kkontestat la mill-Amministrazzjoni tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta u wisq inqas mill-inkwilin li bbenefika mill-istess kirja. Illi in vista ta' dan ilkwadru tal-fatti li ġew ikkunsidrati minnu, it-Tribunal ma jarax li hemm ebda lok li jissoprassjedi sabiex il-Gvern jew il-Kurja Arċiveskovili jibdew proċeduri kif suġġerit mir-rikorrenti u li r-rikors odjern allura jistenna l-eżitu tal-istess proċeduri sabiex ikompli jiġi mismugħ."*

10. Dan ma kienx l-iskop tat-talba għas-soprasessjoni u d-digriet kellu sempliċiment jillimita ruħhu għall-kwistjoni procedurali tas-soprassessjoni;

11. Illi dan d-decide kien succinct ta' numru ta' kunsiderazzjonijiet li t-Tribunal ghamel, bir-rispett kollu fi stadju bikri, fejn prattikament johrog car illi t-Tribunal, gia ddecieda l-kawzali tal-esponenti, u dan minkejja

illi effetivament l-provi u s-sottomisjsonijiet fuq l-istess kawzali ghadhom lanqas biss gew maghluqa.

12. Illi ghar minn hekk l-kawzali jirrizulta illi minkejja t-talba kienet sempliciment ghas-soprasessjoni, t-Tribunal, fid-digriet tieghu, dahal fil-fond u ddecieda kawzali assocjata mat-talba tal-esponenti, u ghalhekk ddecieda prattikament t-talba b'tali mod li l-esponenti mhuxmiex illum f'sitwazzjoni fejn serenement jistgħu jinstennew smiegħ xieraq minn Tribunal li mhux ġja esprima ruħu fuq il-materja.

13. illi konsegwentament l-esponenti talbu bl-akbar rispett it-Tribunal, sabiex jirrikuza ruhha u b'dan il-vertenza tinstema quddiem gudikant iehor, u dan ghaliex, fi stadju mhux opportun, kien car li t-Tribunal kien gia esprima ruhu fuq l-istess vertenza bid-digriet tieghu u tista tghid, gia ddecieda l-istess vertenza.

14. Illi permezz ta' Digrieti moghtija fl-4 ta' Lulju 2022, li kopja taghhom qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok I sa Dok P, t-Tribunal cahad t-talba ghar-rikuza.

15. Illi l-esponenti ihossu illi d-dritt taghhom ghall-smiegh xieraq kif protett bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem stante illi;

    i. L-Artikolu 738(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghtix lok ghall-appell minn digriet ghall-rikuza, u ghalhekk hemm ksur tal-principju ta' nemo judex in causa sua stante illi l-gudikant jitpogga f'sitwazzjoni bl-imsemmi artikolu, li mhux biss rrid jiddeciedi fuqu nniffsu dwar jekk ghandux jirrikuza ruhu jew le, imma tali decizjoni lanqas biss hija sindakabbli minn Qorti tal-Appell, Qorti ohra superjuri jew imqar gudikant iehor.

    ii. Illi t-Tribunal, fid-decizjoni tieghu dwar s-soprasessjoni, gia esprima ruhu b'mod car fejn jidher mill-istess decizjoni illi l-kawzali in kwistjoni gia hija deciza u ghalhekk l-esponenti ma jista qatt ikollhom smiegh xieraq meta t-Tribunal, fi stadju daqshekk bikri gia ghamel l-kunsiderazzjonijiet kollha fuq il-kawzali in kwistjoni u jidher mill-qari tad-decizjoni illi mhux serikun hemm lok ghal tibdil.

    iii. Illi l-Artikolu 13 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, li jimponi t-terminu ffissat fl-Artikolu 57(2) tal-Kap 563, ossija terminu ta' sitt xhur minn notifika tar-rikors lill-intimat sabiex tinstema u tinqata l-kawza, jilledi d-drittijiet tal-esponenti biex iressqu d-difiza kif imiss meta l-kwistjoni tkun wahda aktar komplikata minn norma, u dan in vista ukoll tal-limitazzjonijiet fl-Amministrazzjoni tal-Qrati Civili u Tribunali li huma realta u li l-partijiet rridu jaffacjaw gia la darba f'6 xhur minn notifika, rridu jinstemghu il-provi kollha, kemm tal-esponenti, kif ukoll tal- awtorita tal-intimata, u rrid jifdal

bizejjed zmien sabiex it-Tribunal jaghti d-decizjoni tieghu b'sentenza finali, fil-miftuh.

iv. Illi l-Artikolu 13 tal-Kap 573 jikkrea *inequality of arms* gia la darba l-Awtorita m'hijiex marbuta biz-zmien biex tiddeciedi illi tiehu azzjoni, u tista tipprepara l-kas taghha bil-hin kollu li ikollha bzonn sakemm tiddecied li tiehu azzjoni permezz tal-ittra ufficjali, u fl-istess waqt, wara li l-istess Awtorita tiddeicedi illi tihu azzjoni, li tasal bhal sajjetta fil-bnazzi bhal f'dan il-kas, l-esponenti ghandhom 20 gurnata biex irresqu rikors jikkuntestaw l-izgumbrament,, u minn notifika ta' tali rikors, il-procediment kollu rrid jinqata fi zmien sitt xhur biss.

v. Illi l-Artikolu 13 tal-Kap 573 jilledi d-drittijiet tal-esponenti ghall-smiegh xieraq stante illi l-gudikant, meta marbut ma terminu daqshekk qasir biex jaghti decizjoni m'ghandux il-liberta u s-serenita li jahdem minghajr xkiel u indhil, specjalment kkunsidrat li dan t-terminu jittiehed f'parti kbira minnu mill-partijiet sabiex iressqu l-provi fejn ironikament, aktar ma jitresqu provi u aktar ma tikkomplika ruhha l-kawza, aktar ghandu bzonn zmien t-tribunal biex jevalwa u jiddeciedi l-kawza, , u kkunsidrat ukoll illi l-istes gudikant ghandu bhala Magistrat fil-qaghdi ta' dmiru, diversi impenji ohra, kemm ta' natura civili, kemm ta' natura kriminali in kwantu l-gudikant bil-limitazzjonijiet tar-rizorsi offruti, ghandu ukoll xoghol iehor ta' natura urgenti, fosthom inkjesti magisterjali li jirrikjedu attensjoni immedjata, kumpilazzjonijiet, ghasses, fost xoghol iehor.

Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna, taqta u tiddeciedi l-kawza billi;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi bl-opera tal-Artikolu 738(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-Artikolu 13 tal-Kpa 573 tal-Ligijiet ta' Malta gie lez d-dritt ghall-smiegh xieraq tal-esponenti kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem

2. Tiddikjara u tidddeciedi illi permezz tad-digrieti fil-kawzi fl-ismijiet Grech Joseph vs L-Awtorita tal-Artijiet (Ref: 126/2021), Renato Zampa et vs vs L-Awtorita tal-Artijiet (Ref: 131/2021), Renato Zampa et vs vs L-Awtorita tal-Artijiet (Ref: 133/2021) Angela Arrigo et vs L-Awtorita tal-Artijiet (Ref: 132/2021) Getra Limited et vs L-Awtorita tal-Artijiet (Ref: 130/2021), Anthony Preca vs L-Awtorita tal-Artijiet (Ref: 129/2021), Maurizio Busuttil et vs L-Awtorita tal-Artijiet (Ref: 128/2021), u Dr. Albert Grech et vs vs L-Awtorita tal-Artijiet (Ref: 127/2021) ilkoll tal-4 ta' Lulju 2022, fejn t-Tribunal cahad t-talba ghar-rikuza gie lez d-dritt ghall-smiegh xieraq tal-esponenti kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem

3. Taghti lill-esponenti rimedju xieraq fic-cirkostanzi li din l-Onorabbli jidrilha xieraq u opportun

4. Tillikwida l-kumpens dovut lill-esponenti ghal-lezjoni tad-dritt ghall-zmiegh xieraq tal-esponenti kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem

5. Tordna lill-intimat ihallas dak il-kumpens hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tal-24 ta' Awissu, 2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

"1. Illi, preliminarjament, ir-rikorrenti jilmentaw minn ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq fil-kuntest ta' proċeduri pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kif joħroġ ċar mill-premessi u mit-talbiet tagħhom. Madankollu, huma jinvokaw l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li joffri protezzjoni kontra d-deprivazzjoni ta' proprjeta' mingħajr kumpens, minflok l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan jidher illi huwa żball tal-pinna illi għandu jiġi kkoreġut permezz tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 qabel il-kumplament tas-smigħ ta' din il-kawża, u dan għall-korrettezza u l-integrita' tal-ġudizzju;

2. Illi, preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent Joseph Grech ma jidhirx illi għandu interess ġuridiku sabiex jipparteċipa f'dawn il-proċeduri, u dana stante illi ma huwiex parteċipi fil-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva illi qed jilmentaw minnhom ir-rikorrenti;

3. Illi, preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ilmenti tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huma għal kollox intempestivi. Il-ġurisprudenza tgħallimna illi, sabiex Qorti b'setgħat kostituzzjonali tkun f'qagħda illi tinvestiga jekk proċeduri ċivili kienux konformi mad-dettami tad-dritt ta' smigħ xieraq, tali proċeduri jridu neċessarjament jiġu eżaminati fit-totalita' tagħhom u, għaldaqstant, ikunu ntemmu. F'dan il-każ, il-proċeduri għadhom pendenti. L-ilmenti tar-rikorrenti għalhekk huma ipotetiċi għall-aħħar f'dan l-istadju u din l-Onorabbli Qorti, bl-akbar rispett, ma tistax tasal għal konklużjoni dwar jekk humiex fondati qabel ma tingħata sentenza *res judicata* fl-istess proċeduri;

4. Illi, assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-esponent jiċħad l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għar-raġunijiet segwenti illi qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

5. Illi, ir-rikorrenti jilmentaw illi ma kellhomx dritt għal appell mid-digriet dwar it-talba għar-rikuża tal-ġudikant. Fl-ewwel lok, hija ġurisprudenza stabbilita, anki mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, illi d-dritt għal smigħ xieraq ma jiggarantix illi jkun hemm appell minn kwalunkwe deċiżjoni jew digriet ta' Qorti. Fit-tieni lok, għalkemm ir-rikorrenti ma kellhom dritt jappellaw id-digriet tat-Tribunal, ir-rikorrenti kellhom xorta waħda l-opportunita' illi jitolbu lit-Tribunal sabiex jirrikonsidra d-digriet tiegħu, ai termini tal-Artikolu 229(4) tal-Kap. 12. Għaldaqstant, ġialadarba huma ma wżawx ir-rimedji disponibbli għalihom, jiġi illi huma aċċettaw l-istess deċiżjoni, biex b'hekk ma jistgħux issa jilmentaw dwarha;

6. Illi, safejn ir-rikorrenti jilmentaw illi l-Artikolu 738(1) jikser il-prinċipju tan-*nemo judex in causa sua*, tali ilment huwa wkoll infondat. Il-prinċipju surreferit jiggarantixxi illi l-ġudikant ma għandux jippresjedi kawża illi jkollu interess dirett jew indirett fl-eżitu tagħha. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma humiex jallegaw illi l-Maġistrat illi tippresjedi t-Tribunal għandha interess personali fl-eżitu tal-kawża tagħhom. Id-deċiżjoni illi ta t-Tribunal fir-rigward tat-talba għar-rikuża kienet waħda proċedurali li ma kellha x'taqsam xejn mal-mertu takawża pendenti quddiem l-istess Tribunal;

7. Illi, ir-rikorrenti jilmentaw illi fid-digriet tat-Tribunal dwar it-talba għas-soprasessjoni, it-Tribunal esprima ruħu dwar il-mertu tat-talbiet tagħhom, u dan qabel ma l-partijiet għalqu l-provi tagħhom, biex b'hekk l-istess digriet jikkrea dubju dwar l-imparzjalita' tal-istess Tribunal sabiex jiddeċiedi l-vertenza pendenti quddiemu. L-esponent jinnega dawn l-allegazzjonijiet. Jidher ċar mill-istess digriet illi t-Tribunal bl-ebda mod ma esprima ruħu fuq il-mertu tal-ewwel kawżali tar-rikorrenti. Difatti, filwaqt li l-ewwel kawżali tar-rikorrenti tirrigwarda t-titolu tal-fond in kwistjoni, dak illi ġie spjegat fid-digriet tat-Tribunal għat-talba ta' soprasessjoni kien jirrigwarda l-amministrazzjoni tal-istess fond, u mhux it-titolu tiegħu;

8. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, kienet fl-aħħar mill-aħħar talba tar-rikorrenti stess sabiex it-Tribunal jissoprasjedi għaliex il-kwistjoni tat-titolu fuq il-fond kellha tiġi deċiża, skont huma, qabel ma jitkomplew il-proċeduri quddiem it-Tribunal. It-Tribunal kien fid-dmir illi jinvestiga dik l-allegazzjoni qabel ma jiddeċiedi jekk it-talba għas-soprasessjoni kienitx jew le f'lokha, u sabiex jagħti spjegazzjoni raġġunta għad-deċiżjoni tiegħu. Huwa inaċċettabbli illi r-rikorrenti issa jippruvaw jużaw id-deċiżjoni ingħatat b'risposta għat-talba tagħhom stess;

9. Illi, assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, anki jekk, għall-grazzja tal-argument, din l-Onorabbli Qorti ssib illi t-Tribunal diġa' esprima ruħu fuq parti mill-mertu tal-kawża u li żbalja f'dan ir-rigward, f'dan l-istadju xorta waħda ma jistax jiġi deċiż illi d-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti ġie leż, għaliex il-proċeduri għadhom pendenti. Jekk huwa minnu illi t-Tribunal żbalja fid-deċiżjoni tiegħu, tali żball jista' jiġi nnewtralizzat fil-kumplament tal-proċeduri li għandhom pendenti quddiemu, u li jistgħu jaslu quddiem il-Qorti tal-Appell, mingħajr ma jiġi leż id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq (ara f'dan is-sens *Crompton v. The United Kingdom*, no.42509/05, QEBD, 27 October 2009, § 79);

10. Illi, dwar l-ilment tar-rikorrenti fir-rigward tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, bid-dovut rispett l-esponent jgħid illi tali ilmenti jxeqilbu lejn il-fieragħ;

11. Illi, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma jispjegaw kif it-terminu ta' sitt xhur, liema terminu jiġi infatti sinjifikament itwal għaliex jibda jiddekorri min-notifika tar-rikors promotorju quddiem it-Tribunal, iwaqqafhom milli jiddefendu l-kawża tagħhom, ħlief billi jagħmlu dikjarazzjonijiet gratwiti mingħajr sostenn. Il-ġurisprudenza tgħallimna illi t-termini fil-liġi huma essenzjali sabiex ikun hemm ċertezza legali. Oltre minn hekk, it-terminu ta' sitt xhur huwa kruċjali f'dan il-każ għaliex il-proċeduri in kwistjoni jissospendu l-iżgumbrament tal-inkwilini mill-fond, ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kap. 573. B'hekk, tali proċeduri jwaqqfu lill-entitajiet governattivi milli jużaw l-istess fond għall-iskopijiet pubbliċi li għalihom ikun qed jiġi mħolli il-kuntratt ta' kiri. Għaldaqstant, ma hemmx lok illi l-proċeduri jitħallew idumu s-snin, bil-konsegwenza illi jbagħti l-interess pubbliku;

12. Illi, l-'*inequality of arms*' illi r-rikorrenti jgħidu illi qed isoffru hija, bir-rispett kollu, dikjarazzjoni frivola u vessatorja, għaliex huwa paċifiku illi kwalunkwe proċeduri quddiem Qorti jew Tribunal għandhom ikunu regolati minn termini stabbiliti fil-liġi, u dan sabiex il-proċeduri jkunu ben regolati u ma jitħallewx idumu wisq. It-terminu ta' għoxrin ġurnata illi jilmentaw minnu r-rikorrenti japplika kważi f'kull proċedura eżistenti quddiem il-qrati ċivili ta' Malta u jagħti biżżejjed żmien sabiex wieħed iressaq id-difiża tiegħu;

Għaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma li t-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx illi jintlaqghu u kwindi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma soffrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-Risposta tal-Awtorita' tal-Artijiet (l-intimata Awtorita') tal-1 ta' Settembru 2022 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

"Illi din hija risposta għar-rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti li fih ir-rikorrenti qed jilmentaw ksur tad-drittijiet tal-bniedem ai termini ta' Artikolu 37 u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea billi:-

1. L-Artikolu 738(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix lok għall-appell minn digriet għar-rikuza;

2. Illi t-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva fid-deċiżjoni tiegħu dwar is-soprasessjoni ġia esprima ruħu b'mod ċar fuq il-kawża;

3. Illi l-Artikolu 13 tal-Kap 573 li jimponi terminu ta' sitt xhur għad-deċiżjoni tat-Tribunal mindu jiġi notifikat ir-rikors jilledi d-dritt tar-rikorrenti sabiex iressqu difiża kif imiss;

4. L-Artikolu 13 tal-Kap 573 joħloq *inequality of arms* għax l-Awtorita mhijiex marbuta bi żmien biex tieħu azzjoni;

5. Illi Artikolu 12 jilledi s-smiegħ xieraq għax il-ġudikant peress li marbut bit-terminu daqshekk qasir m'għandx is-serenita', sabiex jiddeċiedi mingħajr indħil;

Illi l-Awtorita esponenti issa ser tgħaddi biex twieġeb għal dan ir-rikors permezz ta' dawn l-eċċezzjonijiet:-

**1. Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni mhux l-Artikolu idoneju għal dawn il-proċeduri**

Illi in primis ir-rikorrenti qed isemmgħu li ġie leż id-dritt ta' smigħ tagħhom iżda qed jikkwotaw Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jittratta protezzjoni minn privazzjoni tal-proprjeta', illi għalhekk is-sustanza tal-ilmenti menzjonati mir-rikorrenti ma jaqgħux taħt l-Artikolu kwotat minn Kapitlu 1 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2. Ir-rimedji ordinarji ma ġewx eżawriti**

Illi bla preġudizzju għall-punt sureferit li kieku ir-rikorrenti kellhom jittantaw xi tip ta' azzjoni taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ewwel kellhom jeżawrixxu l-azzjonijiet legali spettanti lilhom qabel jintavolaw din il-kawża quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Illi inoltre l-proċeduri għadhom pendenti quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattivi, liema proċeduri huma soġġetti ukoll għad-dritt ta' Appell ġia ladarba jiġu deċiżi. Illi għalhekk bla dubbju dawn il-proċeduri quddiem din il-qorti huma intempestivi, hekk kif ċertament id-dritt għadu jeżisti quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, u eventwalment quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), jekk id-deċiżjoni tat-Tribunal tiġi appellata;

Illi bla preġudizzju għal dak li intqal diġa, stante li t-talba tar-rikuża saret biss wara li ġiet u per konsegwenza taċ-ċaħda għat-talba għall-soprasessjoni, id-digriet tas-soprasessjoni seta' ġie appellat ai fini ta' Artikolu 229 (4) tal-Kap 12, illi għalhekk ma ġiex eżawrit ukoll dan ir-rimedju;

**3. Illi r-rikorrenti qed jużaw dawn il-proċeduri biex jagħmlu forum shopping u jiddelungaw il-proċeduri quddiem il-Qrati**

Illi r-rikorrenti fetħu dawn il-proċeduri wara li ġiet miċħuda t-talba tagħhom għar-rikuża tal-Maġistrat sedenti, liema talba għar-rikuża

kienet ibbażata fuq il-fatt li l-Maġistrat ħadet deċiżjoni li ma tilqax talba għal soprasessjoni sollecitata mir-rikorrenti fuq dak li allegaw ir-rikorrenti li hemm kwistjoni pendenti bejn il-Knisja u l-Istat fuq il-propjetajiet mertu tal-kawża odjerni quddiem itTribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, liema kwistjoni ma teżistix quddiem il-Qrati Maltin permezz ta' xi kawżi pendenti. Illi għalhekk huwa ċar li r-rikorrenti qed jużaw dawn l-għoddod legali biex it-Tribunal tar-Reviżjoni amministrattiva ma jiddeċidiex.

4. **Illi r-rikorrenti qed jilmentaw li t-terminu ta' sitt xhur impost f'Kapitlu 573 sabiex kawżi quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, jilledi d-dritt tas-smiegħ tagħhom, iżda effettivament dan it-terminu ma ġiex impost fil-proċeduri odjerni quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva**

   Illi dan l-argument imqajjem mir-rikorrenti hu żgur fallaċi u żgur ma japplikax għal kawżi riferiti f'dan ir-rikors kostituzzjonali u dan għax permezz ta' verbal mogħti mit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva fi tmintax (18) ta' Mejju li għadda, it-Tribunal tar-Reviżjoni iddeċieda li '*Stante c-cirkostanzi partikolari ta' dan ir-rikors, it-Tribunal jestendi z-zmien li fih għandha tinghata sentenza sal-15 ta' Novembru 2022*'. Illi għalhekk effettivament it-Tribunal, bi qbil bejn il-partijiet, estenda t-terminu għal aktar minn sitt xhur biex tingħata deċiżjoni.

   Illi fit-terminu ta' sitt xhur impost minn Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex rikors quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva jiġi deċiż fit-terminu stabilit minn mindu ssir in-notifika tar-rikors, huwa terminu sabiex jiżgura li ma jkunx hemm dwmien fuq każijiet li jinvolvu proprjetajiet u assi tal-Gvern ta' Malta;

   Illi fil-prattika l-maġġoranza tas-sitt xhur fil-maġġoranza tal-kawżi kontra l-Awtorita' jiġu użati mir-rikorrent imbagħad l-Awtorita ikollha tipprovdi ix-xhieda tagħha, kontroeżamijiet u trattazzjoni orali f'seduta waħda;

Għaldaqstant minħabba r-raġunijiet kollha suelenkati, l-esponent, filwaqt li ġġib din ir-risposta a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u tirriserva d-dritt sabiex tipprovdi raġunijiet ulterjuri, titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur stante li r-rikorrenti ma soffrew ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fondamentali.

Salv dawk il-proċedimenti ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jidhirlu xierqa;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Diċembru 2022 li permezz tiegħu awtorizzat lill-intimata Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Ġwann tintervjeni fil-proċeduri.

Rat ir-risposta tal-intervjenti fil-Kawża Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Ġwann (l-intimata Fondazzjoni) tat-3 ta' Jannar 2023 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

> 1. "It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
>
> 2. Mhux minnu li l-ligi dwar il-procedura ghar-rikuza ta' gudikant, kif applikabbli u applikata mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fil-kawzi li r-rikorrenti ghamlu kontra l-Awtorita' tal-Artijiet quddiem l-istess Tribunal (Rik. Nru. 126/2021CG sa 133/2021CG), bid-digriet moghti mill-istess Tribunal fl-4 ta' Lulju 2022 tivvjola d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq, kif protett bl-**art. 39** (mhux l-art. 37 kif erroneament indikat mir-rikorrenti fl-ewwel talba taghhom) tal-Kostituzzjoni, u bl-**art. 6** tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.
>
> Ir-ragunijiet li fuqhom tista' tintalab, u tinghata, ir-rikuza ta' gudikant huma oggettivi, u tassattivament elenkati fl-**art. 734** tal-Kap. 12. Ir-rikorrenti bbazaw it-talba taghhom ghar-rikuza tal-gudikant sedenti fuq l-**art. 734(1)(d)(i)** tal-Kap. 12, li huwa partikolarment oggettiv fil-portata tieghu – *'jekk ikun ta l-parir tieghu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha'* – u t-Tribunal korrettement ikkonkluda li l-gudikant sedenti ma wettaq l-ebda wiehed minn dak l-agir imsemmi. Effettivament, jirrizulta *ictu oculi* li r-rekwiziti ta' dan il-paragrafu ma kinux sodisfatti f'dan il-kaz, <u>b'mod oggettiv</u> u mhux suggettivament kif jallegaw ir-rikorrenti. Aktar minn hekk, il-paragrafu (ii) tal-istess subinciz ixejjen kull dubju mqajjem minnhom, ghaliex jipprovdi car li hemm lok ghar-rikuza *'jekk il-kawza kienet ga giet quddiemu bhala imhallef jew bhala arbitru: Izda dan ma jghoddx ghal decizjoni, moghtija mill-imhallef, meta ma tkunx qatghet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas ghal sentenza li tehles ab observantia.'* (**art. 734(1)(d)(ii)**), Kap. 12)
>
> Ic-cahda motivata li ta t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva dwar it-talba tar-rikorrenti ghas-soprasessjoni ta' dawk il-kawzi sakemm terzi – il-Gvern jew l-awtoritajiet ekklezjastici – jintavolaw kawza biex tigi determinata kwistjoni li l-istess terzi ddikjaraw bil-gurament li ma tezistix ghaliex giet tranzatta b'arrangament milhuq bejnietkom konsistenti fit-twaqqif tal-esponenti bil-kuntratt tan-Nutar Dottor Franco Pellegrini tal-31 ta' Lulju 2001, ma taghmilx lit-Tribunal mhux indipendenti u imparzjali. Il-motivazzjonijiet dettaljati li ta t-Tribunal fid-digriet tieghu tat-28 ta' Marzu 2022 fl-istess kawzi jissodisfaw anzi d-dritt tal-partijiet fil-kawza li jinghataw ragunijiet shah ghad-decizjoni.

3. F'kull kaz ukoll, ir-rekwiziti tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq kif protett bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea jinsabu sodisfatti bil-jedd ta' appell moghti mil-ligi, lit-tellief fil-kawza quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) (**art. 22** *et seq*. tal-Kap. 490, u t-Tieni Skeda).

4. Kwantu ghall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti bl-**art. 13** tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573 tal-Ligijiet ta' Malta), in kwantu jistabilixxi terminu ta' sitt xhur ghall-konkluzjoni ta' procedimenti intavolati quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva dwar decizjonijiet tal-Awtorita' tal-Artijiet (**art. 72(2)** tal-Att dwar l-Awtorita' tal-Artijiet, Kap. 563 tal-Ligijiet ta' Malta), lanqas dan l-ilment ma huwa gustifikat ghaliex ir-rekwizit taz-zmien qasir ghas-smigh u d-decizjoni tal-procediment kontenzjuz huwa proprju dirett sabiex jissalvagwardja l-jedd fundamentali ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli.

Fil-kaz in ezami, jidher car mill-atti processwali li l-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kienet meqjusa, u t-Tribunal ta opportunita' shiha lill-partijiet kollha fil-kawzi sabiex iressqu l-provi kollha li ghazlu li jressqu u jaghmlu s-sottomissjonijiet kollha opportuni, inkluz oralment, qabel ma t-Tribunal ghadda ghad-decizjonijiet *pendente lite* tieghu. Ghalkemm il-kawzi gew intavolati f'Novembru 2021, u l-Awtorita' tal-Artijiet pprezentat ir-Risposta taghha f'nofs Dicembru 2021, it-Tribunal zamm diversi seduti fix-xhur ta' wara, sa wara li ghalaq it-terminu preskritt ta' sitt xhur, biex ta opportunita' shiha lill-partijiet jaghmlu l-kaz taghhom dwar it-talba tar-rikorrenti ghas-soprasessjoni. Ma jirrizultax li r-rikorrenti talbu li jressqu provi u t-Tribunal cahad it-talba. Wisq anqas ma jirrizulta li t-Tribunal cahhad lil xi parti milli taghmel is-sottomissjonijiet taghha, jew tiddefendi l-posizzjoni taghha, minhabba f'dan it-terminu procedurali.

5. Konsegwentement, u f'kull kaz, it-talbiet kollha tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura;

Qrat ix-xhieda imressqa fil-proċeduri;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

**Punti ta' fatti**

**1.** Ir-rikorrenti kollha għandhom ħwienet b'kirja mill-Awtorita' intimata. Permezz ta' ittra uffiċjali, l-imsemmija Awtorita' informathom li kienet qed

titterminalhom il-kirja in kwistjoni u dan bis-saħħa ta' artikolu 21 tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Konsegwentement kull wieħed mir-rikorrenti presenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fejn qed jikkontestaw din id-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata bil-konsegwenza li jridu jottjenu dikjarazzjoni mit-Tribunal li kull ittra uffiċjali li intbagħtet kienet nulla u mingħajr effett.

**3.** F'dawk il-proċeduri, fost kawżali oħrajn, ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw li l-aġir tal-Awtorita intimata huwa abbusiv peress li kif jirriżulta minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Franco Pellegrini Petit tal-31 ta' Lulju 2001 għadha tesisti vertenza bejn l-imsemmija Awtorita' u l-Knisja propju fuq min huwa propjetarju tal-propjeta' inkwistjoni tant li għamlu riserva dwar din il-vertenza.

**4.** Minħabba f'hekk fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti talbu s-soprasessjoni tat-Tribunal sakemm jiġi determinat it-titolu tal-propjetajiet mertu tal-Kawża.

**5.** Permezz ta' digriet tat-28 ta' Marzu 2022, it-Tribunal ċaħdilhom it-talba.

**6.** Ir-rikorrenti qed isostnu, li fl-għotja tad-Digriet tiegħu, it-Tribunal għamel osservazzjonijiet li bihom preġudika lir-rikorrenti peress li dawn kienu jinċidu fuq il-mertu tal-proċeduri u propjament fuq min għandu l-

propjeta' tal-fondi soġġetti għall-kirja. B'hekk ġie li oltrepassa dak li ntalab jiddeċiedi u ċioe' s-soprasessjoni biss.

**7.** Konsegwentement fost oħrajn minħabba f'hekk, ir-rikorrenti talbu r-rikuża tal-Maġistrat li qed tippresjedi t-Tribunal u permezz ta' numru ta' digrieti kollha datati 4 ta' Lulju 2022 din it-talba ukoll ġiet miċħuda.

**8.** Għalhekk r-rikorrenti għamlu dan ir-rikors biex iħarsu d-drittijiet fundamentali tagħhom minħabba dawn l-avvenimenti.

**Punti ta' Liġi**

**9.** L-ilmenti tar-rikorrenti huma dawn:

1. Li ma hemmx dritt ta' appell minn ċaħda ta' rikuża u dan kif jiddisponi l-artikolu 738(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan jipprovdi hekk: *"Meta l-qorti hija kkostitwita minn imħallef wieħed u kontra dan l-imħallef tiġi mogħtija l-eċċezzjoni ta' rikuża, għandu jiddeċidi huwa nnifsu fuq ir-raġunijiet tal-eċċezzjoni<u>, u kontra din id-deċiżjoni ma jingħatax appell,</u> u, jew jastjeni ruħu u jiddigrieta li hemm lok għas-surroga ta' mħallef ieħor, inkella jissokta jisma' l-kawża, skont kif ikun iddeċida*".

2. Illi bid-digriet mogħti dwar is-soprasessjoni t-Tribunal esprima ruħu dwar il-mertu u għalhekk ir-rikorrenti qatt ma jista' jkollhom smiegħ xieraq.

3. Jilmentaw ukoll minn artikolu 13 tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi hekk: "*It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jqiegħed ir-rikors imsemmi fl-artikolu preċedenti għas-smigħ u jiddeċidih fit-termini indikati fl-artikolu 57(2) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet".* Issa l-imsemmi artikolu 57(2) jiddisponi hekk: "*Minkejja kull ħaġa li tinsab fl-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jinnotifika l-oġġezzjoni, ippreżentata fir-reġistru tiegħu, fuq il-konvenut jew intimat mingħajr dewmien. Il-konvenut għandu jkollu d-dritt li jippreżenta risposta bil-miktub fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika. It-Tribunal imbagħad jiffissa data għas-smigħ fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mill-preżentata tar-risposta mill-konvenut fil-limitu ta' żmien imsemmi jew jekk ebda risposta ma tiġi ppreżentata mill-iskadenza ta' dak iż-żmien. It-Tribunal għandu, wara li jappunta r-rikors għas-smigħ, jiddeċiedi fuq il-mertu wara li jirċievi kull xhieda li jidhirlu xieraq, fl-iqsar żmien possibbli, iżda mhux aktar tard minn sitt xhur mill-jum meta l-applikazzjoni tkun ġiet debitament notifikata".*

4. Fir-rigward ta' dan l-ilment, ir-rikorrenti jelenkaw tlett istanzi kif b'terminu daqstant qasir biex jkun trattat il-każ qatt u għalhekk ma jistax ikollhom smiegħ xieraq għaliex ma għandhomx perjodu adegwat biex ikunu jistgħu jiddefendu l-każ tagħhom tenut il-gravita'

tal-konsegwenzi li jwassal għall-iżgumbrament tagħhom u stante nuqqas ta' parita' ta' armi (*equality of arms*) peress li l-Awtorita' intimata kellha l-ħin kollu għad-disposizzjoni tagħha biex tipprepara l-każ tagħha qabel ma tibda l-proċeduri, mentri ir-rikorrenti f'perjodu ta' sitt xhur u mill-ħin li ser ikun allokat għalihom minnu, iridu jikkumpressaw il-provi tagħhom indipendentement minn kemm huwa komplikat il-każ.

**10.** Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu r-rikorrenti jinsistu li d-dritt tagħhom għall-smiegħ xieraq kif imħarsa minn artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament qegħdin ikunu leżi. Ir-rikorrenti, bi żvista ċara, jagħmlu referenża għall-artikolu 37 flok 39 tal-Kostituzzjoni u għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tittratta l-proċeduri fuq il-binarji ta' dan l-artikolu.

**Konsiderazzjonijiet**

**11.** Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra l-ilmenti fuq imsemmija fl-ordni fuq imsemmija.

*L-artikolu 738(1) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u d-digriet dwar is-sospensjoni*

**12.** Kif sottolinejat aktar 'l fuq, dan l-artikolu jagħmilha ċara li ma hemmx appell minn ċaħda ta' rikuża.

**13.** Qabel xejn jiġu soffermati żewġ prinċipji importanti fir-rigward tal-Istitut tar-rikuża.

**14.** L-ewwel wieħed huwa dak, li bħala regola ġenerali ġudikant ma hux mistenni li jirrikuża ruħu jekk mhux fiċ-ċirkostanzi ċari li telenka il-liġi. Artikolu 733 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċarissima li *"L-imħallfin ma jistgħux jiġu rrikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqogħdu f'kawża miġjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma maħtura biex joqogħdu, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet hawn wara msemmijin."*

**15.** Igifieri r-regola hija projbittiva u dan jagħmel sens, għaliex li kieku kull Imħallef ikun jista' jiġi rikużat jew jastjeni b'leġerezza u liberalita kollha, apparti li l-ġudikant ikun qiegħed jabdika mill-obbligi tiegħu, tkun ukoll qed tiġi mċaħħda ġustizzja ġenerali lis-Soċjeta'.

**16.** It-tieni prinċipju huwa wieħed ġenerali fis-sens, li n-nuqqas ta' dritt ta' appell minn ċaħda ta' rikuża, ma jikkostitwixxix ksur ta' dritt fundamentali kif imħares mill-artikoli suindikati. Jingħad li "*it should be noted that Article 6 does not guarantee a right to appeal from a decision of first instance"* (Ara **Lalmahomed v. the Netherlands, 2011, § 35** ara ukoll **Harris, Oboyle and Warbrick Law of the European Convention on Human Rights, 4th Ed, pg 156**). Pero' jekk l-Istat partikolari jipprovdi għal dritt ta' appell, allura l-prinċipji kollha ta' smiegħ xieraq għandhom ikunu osservati. Di fatti waħda mill-ftit jekk mhux unika, okkażjoni li taħt ir-reġim tal-liġijiet Maltin huwa ammissibbli appell hu dak ai termini tal-artikolu 56(6) tal-Kap 573 li pero'

mhux applikabbli għall-każ odjern. Iżda tajjeb li jingħad li anke dan l-artikolu jippermetti appell fil-konfront tal-membri tal-Bord u mhux taċ-Chairman li huwa ġudikant. Affermazzjoni impliċita tal-prinċipju enunċjat fl-artikolu 738(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**17.** Jiġi ukoll osservat, li l-uniku dritt ta' appell li tirrikonoxxi il-Konvenżjoni huwa dak taħt artikolu 2 tas-Sebgħa Protokoll li jiddisponi hekk: *"(1) Kull min jinsab ħati ta' reat kriminali minn xi tribunalikollu d-dritt li dak is-sejbien ta' ħtija jew dik is-sentenza jiġu rivisti minn tribunal ogħla. L-eserċizzju ta' dan id-dritt, inklużi r-raġunijiet abbażi ta' dak l-eserċizzju, għandhom ikunu regolati bil-liġi (2) Dan id-dritt jista' jkun suġġett għal eċċezzjonijiet dwar reati ta' xorta minuri, skont ma jkunu preskritti bil-liġi, jew f'każijiet li fihom il-persuna involuta tkun ġiet ipproċessata fl-ewwel istanza mill-ogħla tribunal jew tkun insabet ħatja wara appell kontra l-liberazzjoni."* Bl-istess mod jagħmel Art 14 (5) tal-karta Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Ġnus Maqgħuda meta tiddisponi li "*Everyone convicted of a crime shall have the right to his conviction and sentence being reviewed by a higher tribunal according to law*" (**International Covenant on Civil and Political Rights Adopted and opened for signature, ratification and accession by General Assembly resolution 2200A (XXI) of 16 December 1966, entry into force 23 March 1976, in accordance with Article 4**).

**18.** Għalhekk dan id-dritt ta' appell f'materja ċivili ma jesistix bħal dritt fil-kamp kriminali, għaliex f'dan ċivili, sabiex ikunu rispettati l-artikoli

imsemmija jeħtieġ biss li jkunu jesistu is-salvagwardji proċedurali li jaċċertaw smiegħ xieraq (it-test oġġettiv) u li l-ġudikant innifsu jkun integru u idoneju u ħieles minn kull parzjalita' u preġudizzji manifesti (it-test suġġettiv).

**19.** Pero' jista' jagħti l-każ li f'ċertu ċirkostanzi dan id-dritt ta' appell jew reviżjoni ikun meħtieġ biex tidher li qed issir ġustizzja. Fil-każ tal-Istitut tar-rikuża ta' Ġudikant dwar raġuni li tolqot lilu innifsu, li mad-daqqa tidher li hija infrazzjoni ta' wieħed mill-prinċipji ta' *nemo judex in causa propia,* bosta huma dawk is-sistemi li jipprovdu għall-appell minn ċaħda bħal din.

**20.** Iżda fl-istess ħin il-Qorti tħoss li għandha tfakkar li "*filwaqt li jrid jitħares il-prinċipju li l-ħaqq irid isir u jidher li qiegħed isir (l-hekk imsejħa "imparzjalita' suġġettiva"), mhux kull suspett jew sensazzjoni ta' parti f'kawża dwar dak li tqis bħala okkażjoni ta' parzjalita' fil-ġudikant li quddiemha jkun tressaq il-każ tagħha għandha twassal biex tirnexxi t-talba għar-rikuża ta' dak il-ġudikant*". (Ara **Appell Kriminali tat-23 ta' Jannar 2001 fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta - vs- Meinrad Calleja u Appell Kriminali tal-15 ta' Novenbru 2004 fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta - vs- Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah**). Għalkemm dan it-tagħlim ġie pronunzjat fi proċeduri kriminali din il-Qorti ma tarax għal fejn ma għandhiex tapplikah ukoll għal kwistjonijiet ta' natura ċivili.

**21.** Għalkemm dan id-dritt mhux wieħed fundamentali b'danakollu, kif aċċennat, hemm sistemi li jippermettu appell minn digrieti ta' ċaħda ta'

rikuża, bħal ma hi is-sistema Anglosassona. F'dan ir-rigward ġie osservat li "*under the Justinian Code, litigants could simply recuse a judge in order for proceedings to take place without suspicion. This continues to inform recusal procedures in civil law countries today*". (Ara **Charles G Geyh, 'Why Judicial Disqualification Matters Again.' (2011) 30(4) Review of Litigation 671, 678–9.**)

**22.** Din hija s-sistema kif regolata mill-artikoli 733 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għalkemm illum, bl-adozzjoni tal-axioma Anglosassona "*justice must not only be done but must also be seen to be done*", ir-raġunijiet għar-rikuża twessgħu aktar. Pero' din il-Qorti tħoss ukoll li għandha tgħid li "*justice must not only be seen to be done but has to be done*". Għalhekk huwa minnu li ma rridux li minn naħa l-oħra nissagrifikaw is-sustanza tal-ġustizzja fuq l-artal tal-opinjoni pubblika, apparenzi u sfidi fiergħa jew li ma humiex konduċenti għar-rikuża ta' ġudikant.

**23.** Pero' huwa veru li hawn min isostni li huwa importanti li għandu jkun hemm dritt ta' appell miċ-ċaħda tar-rikuża. Hekk per eżempju intqal li "*Most commonly, the party will raise the issue on appeal — either of an interlocutory order or final judgment. While traditionally a judge's decision on the question of bias was not understood to be an order (and therefore no direct appeal would lie), recent case law has held otherwise, and the Commonwealth courts have in any event tended to treat this restriction*

*narrowly." (***Australian Law reform-Judicial impartiality. Recusal and Self Disqualification. March 2021 and Updated April 2021, para 20**).

**24.** Hekk intqal ukoll li "*Judicial recusal and disqualification procedures require scrutiny to ensure that they remain in line with the evolution of the bias rule and its emphasis on the maintenance of public confidence in the administration of justice. A process that sees judges rule on their own impartiality is seen by many as falling short of meeting this objective.*

*Problems with how the procedure is perceived exist for both litigants (who, by raising the issue, already have concerns with respect to the judge's neutrality) and the general public when cases are brought into the media spotlight. Surveys conducted in both the United Kingdom and Australia indicate that a plurality of members of the public believe the issue of disqualification should be decided by a different, independent judge (***Andrew Higgins and Inbar Levy, 'What the Fair-Minded Observer Really Thinks and Judicial Impartiality' [2021] Modern Law Review).**

**25.** Huwa ukoll interessanti kif l-Istat ta' Maine fl-Istati Uniti jipprovdi għal dan ix-xorta ta' appell. Regola 63(d) tipprovdi hekk: "*A judicial ruling denying a motion to recuse may be appealed in the ordinary course. Such a ruling is not an immediately appealable order and may be reviewed by appeal only after the entry of a final judgment***"** (**Maine Rules of Judicial Conduct**). Għalkemm hija proposta prattika din tippresenta problemi jekk jintlaqa' appell, għaliex l-atti jridu jerġgħu jiġu rimessi lill-Qorti tal-Prim

Istanza u kull Sentenza sfilzata anke jekk oġġettivament tkun xorta waħda tajba. B'dana kollu f'dan ir-rigward intqal li "*A de novo appeal allows the reviewing judge to approach the question at issue with fresh eyes, that is, without any deference to the decision of the judge of first instance*" (**Grant Hammond, Judicial Recusal: Principles, Process and Problems, Hart Publishing, 2009 pg 150**).

**26.** Il-Qorti ħasset li kellha tagħmel din l-esposizzjoni għaliex temmen li f'dinja fejn ma għadhiex sempliċi u minimalista, jista' huwa l-każ li dan l-Istitut flok jiġi riformat bi traqqiegħ, kif sar sa issa, jiġi aġġornat kollu biex ikun jirrifletti ż-żminijiet li qegħdin ngħixu fihom illum. Għalhekk ser tkun qed tikkomunika din is-Sentenza lill-Kummissarju tal-Liġijiet biex jieħu konjizzjoni tagħha.

**27.** Pero' f'dan l-istadju liema waħda minn dawn l-iskejjel u kurrenti ta' ħsieb ser tħaddan din il-Qorti, ftit li xejn għandu importanza, għaliex hemm konsiderazzjoni importanti oħra li trid issir.

**28.** Hija sfortuna li llum, l-azzjonijiet Kostituzzjonali qed jsiru b'mod mill-aktar leġġer bħal pastizzi, għal kull ħaġa ta' xejn, daqs li kieku kienu azzjonijiet ordinarji, meta l-azzjoni Kostituzzjonali hija speċjali u straordinarja. B'dan il-mod qed tkun svalutata il-ħtieġa ta' din l-azzjoni. Għalhekk ir-regola taħt artikolu 46(2) u 4(1) rispettivament tal-Kostituzzjoni u l-Kap 319 illum tikseb importanza aktar minn qabel.

**29.** Din ir-regola tiddisponi li "*Il-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

**30.** F'dan ir-rigward din il-Qorti taqbel mat-tagħlim ennunċjat fis-**Sentenza fl-ismijiet Tonio Vella -vs- Kummissarju tal-Pulizija et, deċiża finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991** fejn intqal hekk:

"*Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita` ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex mill-banda l-wahda tkun tista` twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha".*

**31.** Għalhekk jinħass kemm jinħass gravi l-ilment ta' min jagħmel azzjoni bħal din, min qed jagħmel dan l-ilment ma hux meħlus minn din ir-regola. Ma hux il-gravita' jew is-sensazzjonalismu tal-każ li jiġġustifika l-introduzzjoni ta' azzjoni Kostituzzjonali, iżda il-każ fih innifsu u kif ukoll l-

osservazzjoni ta' din ir-regola. Basta pero' li l-azzjoni ordinarja tkun tali li tassew tagħti rimedju effettiv u effikaċi b'mod li toqtol għal kollox l-ksur tad-dritt fundamentali. Rimedju alternattiv nieqes minn dan l-aħħar element, ma jista' qatt jitqies bħala wieħed konformi ma dak li trid il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

**32. Fis-sentenza fl-ismijiet Maria sive Marthese Attard et v. Policy Manager tal-Malta Shipyards et (deċiża mill-Prim'Awla Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010 – konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-11 t'April 2011)** *ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garantit. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi. Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali."*

**33.** Id-dritt li din il-Qorti tiddeklina li teżerċita il-poteri tagħha ai termini tal-artikoli 46 tal-Kostituzzjoni u 4 tal-Konvenzjoni jappartjeni lilha mingħajr il-ħtieġa li tkun mistiedna minn xi waħda mill-partijiet biex hekk tiddeklina.

Għaliex din hija regola maħsuba biex tħares l-eżerċizzju ta' azzjoni kostituzzjonali taħt kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni, minn xi frivolita' jew kif diġa' aċċennat meta jkun hemm disponibbli mezzi ordinarji sodisfaċenti oħra biex il-ksur lamentat jiġi indirizzat adegwatament. Prinċipju li huwa wkoll rikonoxxut minn art 26 tal-Konvenzjoni.

**34.** Għalhekk il-Qorti fil-każ li għandha quddiemha ħasbet fit-tul dwar dan il-punt.

**35.** Kif jippremettu l-istess rikorrenti f'para 5 tar-rikors tagħhom li l-kawżali involuti f'dawn il-proċeduri hija waħda mill-kawżali fost oħrajn li jissemmew fir-rikorsi promoturi tagħhom quddiem it-Tribunal. Il-Kawżali l-oħra hija b'referenza għall-artikolu 21 tal-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta peress li huma jsostnu li dan l-artikolu japplika biss għal kirja li tkun saret "*ghal zmien determinat li jkun ghadu ma ghalaqx*". Għalhekk, ir-rikorrenti jargumentaw, li l-istess disposizzjoni ma tapplikax għall-kirja tagħhom in kwantu hija protetta minn mid-disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att X tal-2009.

**36.** Di fatti, it-Tribunal, fost motivazzjonijiet oħra fid-digriet taċ-ċaħda tar-rikuża għamel referenza għal dan il-punt hekk:

"*Finalment it-Tribunal jirrileva illi r-rikorrenti ghandhom fil-possibilta' li jipproducu provi dwar l-aggravji l-ohra mressqa minnhom stante li l-aggravju dwar it-titolu ma hux l-uniku aggravju imressqa mir-rikorrenti.*

*Ceratment dan it-Tribunal ser ikun qieghed jaghti din il-possibilita' liz-zewg partijiet fiz-zmien koncess minn artikolu 57 tal-Kap 573 tal-ligijiet ta' Malta*."

**37.** Issa l-Qorti eżaminat l-aggravji l-oħra surreferiti u jidhrilha li jekk dawn huma fondati, l-eżitu jkun wieħed li jagħti rimedju adegwat u effettiv għaliex jekk tassew kif għidu huma, li l-proċedura li nbdiet kontra tagħhom hija regolata mill-Kap 69 tal-Liġijiet il-biċċa tieqaf hawn, salv sottomissjonijet tal-partijiet. Aktar minn hekk anki fir-rigward tal-aggravju l-ieħor, din il-Qorti ma tqisx li dan huwa episodju magħluq għaliex kif qal it-Tribunal stess l-osservazzjonijiet li għamel, għalkemm kien hemm referenzi għat-titlu f'sens ġenerali kienu iktar jirrigwardjaw il-kwistjoni ta min jamministra. Il-Qorti hija konvinta, li t-Tribunal xorta waħda se jkun qiegħed jikkonsidra definittivament il-kwistjoni ta min huwa propjetarju b'mod definittiv.

**38.** Dan ukoll iwassal għall-argument, li ilment ma jistax jittieħed għalih waħdu mingħajr ma jitqies fil-kuntest kollu tal-proċedura, għaliex altrimenti il-proċedura kollha tista' tkun snaturata mill-iskop aħħari tagħha. Kif jispjegaw il-**Guide Lines to article 6 (Civil Limb)** "*The requirement of fairness applies to proceedings in their entirety; it is not confined to hearings inter partes (Stran Greek Refineries and Stratis Andreadis v. Greece, 1994, § 49). Thus, <u>the proceedings are examined as a whole in order to determine whether they were conducted in accordance with the</u>*

<u>*requirements of a fair hearing*</u>*." (***De Tommaso v. Italy [GC], 2017, § 172; Regner v. the Czech Republic [GC], 2017, § 161**).

**39.** F'dan l-istadju, dato ma non concesso, li t-Tribunal tassew esprima ruħu fuq wieħed mill-aggravji, sakemm dan ma għandux riflessjoni fuq l-aggravji l-oħra, ir-rikorrenti xorta għad għandhom l-opportunita' li jippresentaw il-każ tagħhom. Ir-rikorrenti ma jistgħux għidu biċ-ċertezza li l-aggravji l-oħra ser ikunu miċħuda fid-dawl tad-digriet ta' soprasessjoni.

**40.** Fl-aħħar nett il-Qorti ma tistax tifhem kif dan kollu wassal sa hawn minħabba talba għas-soprasessjoni, meta din it-talba ma hiex fondata minħabba l-fatt li **ma hemm** ebda kawża oħra pendenti li li l-eżitu tagħha jinċidi fuq il-mertu. Din hija l-unika ċirkostanza li tippermetti s-sospensjoni (u mhux soprasessjoni) taħt il-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Tant biex jingħad, il-kelma soprasessjoni ma tissemma' imkien fil-Kodiċi tal-proċedura tagħna.

**41.** Għalhekk minħabba r-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti ser tkun qed tiddeklina milli teżerċita s-setgħa kostituzzjonali tagħha milli tikkonsidra l-ewwel u t-tieni talba rikorrenti.

<u>L-ilment dwar art 13 tal-Kap 573 u t-terminu qasir ta' smiegħ</u>

**42.** Minkejja li din il-Qorti ser tiddeklina li tikkunsidra l-ewwel żewġ talbiet, li ma kienx għall-fatt għal dak li ser jingħad 'l quddiem, it-talbiet l-oħra kienu jippresentaw kwistjonijiet ta' natura legali li jeżiġu li xorta jkunu trattati minn

din il-Qorti. Dan qiegħed jingħad, għaliex fi kwalunkwe każ, il-kwistjoni ta' żmien qasir għat-trattazzjoni quddiem it-Tribunal huwa element li ser jibqgħu jirriskontraw ir-rikorrenti, stante li l-proċeduri quddiem it-Tribunal, naħa jew oħra xorta ser jitkomplu. Dak li qegħdin jitolbu r-rikorrenti mhux li jieqfu il-proċeduri quddiem it-Tribunal, iżda s-surroga tal-Ġudikant għar-raġunijiet fuq imsemmija. Għalhekk, kemm jekk il-proċeduri jkomplu quddiem l-istess ġudikant jew ieħor floku, dan l-ilment huwa wieħed rikorrenti. Sa fejn jirrigwarda dan l-ilment, ir-rikorrenti jibbażawh fuq il-prinċipju ta' parita' ta' armi ("equality of arms"). Ma għandu jkun hemm dubju li dan il-prinċipju huwa korrollarju għall-prinċipju fundamentali ta' smiegħ xieraq.

**43.** Irid ukoll jiġi osservat li bħala regola t-Tribunal li "*it-terminu li tribunal amministrattiv ikollu biex jieħu d-deċiżjoni tiegħu għandu jkun wieħed raġonevoli skond iċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Id-deċiżjoni għandha tingħata kemm jista' jkun malajr u għal dan il-għan it-Tribunal għandu jagħti deċiżjoni waħda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawża kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, proċedurali jew sostantiva*". It-terminu ta' sitt xhur huwa wieħed impost biss b'referenza għal xi liġijiet partikolari bħal ma huwa l-każ odjern li jirrigwarda artijiet tal-Gvern.

**44.** Ikun ta' għajnuna li l-artikoli kollha rilevanti jiġu riprodotti sabiex jinftiehem dak li ser tgħid din il-Qorti dwar dan l-ilment partikulari. Artikolu 13 tal-Kap 573 jiddisponi hekk:

"*It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jqiegħed ir-rikors imsemmi fl-artikolu preċedenti għas-smigħ u jiddeċidih fit-termini indikati fl-artikolu 57(2) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet*". Filwaqt li artikolu 57(2) jiddisponi hekk: *"Minkejja kull ħaġa li tinsab fl-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jinnotifika l-oġġezzjoni, ippreżentata fir-reġistru tiegħu, fuq il-konvenut jew intimat mingħajr dewmien. Il-konvenut għandu jkollu d-dritt li jippreżenta risposta bil-miktub fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika. It-Tribunal imbagħad jiffissa data għas-smigħ fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mill-preżentata tar-risposta mill-konvenut fil-limitu ta' żmien imsemmi jew jekk ebdarisposta ma tiġi ppreżentata mill-iskadenza ta' dak iż-żmien. It-Tribunal għandu, wara li jappunta r-rikors għas-smigħ, jiddeċiedi fuq il-mertu wara li jirċievi kull xhieda li jidhirlu xieraq, fl-iqsarżmien possibbli, iżda mhux aktar tard minn sitt xhur mill-jum metal-applikazzjoni tkun ġiet debitament notifikata".*

**45.** Il-Qorti tifhem li din il-limitazzjoni ta' żmien f'din il-proċedura hija maħsuba sabiex ma jkun hemm ebda dewmien minħabba l-interess pubbliku wara d-domanda tal-propjeta' inkwistjoni. Minn naħa l-oħra, din il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-interessi tal-individwu, li ukoll jista' jkollu interessi patrimonjali bħal meta l-propjeta' li ser tittieħed ikun ħanut, bħal ma jidher li huwa l-każ tar-rikorrenti.

**46.** Ħafna drabi ikun ġustifikat li l-Gvern jingħata ċertu privileġġi proċedurali, għaliex wara kollox dan jaġixxi fl-interessi tas-Soċjeta' in

ġenerali. Huwa għalhekk li l-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta taħt it-titolu ta' Kawżi Kontra l-Gvern, minn artikolu 460 et sequens, jaħseb għal ċertu proċeduri li mad-daqqa t'għajn iqegħduh f'posizzjoni privilleġjata, għalkemm dawn xorta jridu jkunu applikati fil-qafas ta' smiegħ xieraq. Dawn mhux qegħdin hemm biex il-Gvern jgħaffeġ fuq id-drittijiet ta' ħadd ieħor iżda biex il-proċeduri jimxu b'ċelerita' u ħeffa li ma għandha qatt tkun konfuża mal-kelma l-oħra odjuża ta' għaġġla.

**47.** L-Atturi fil-fatt jirrikonoxxu li "…*the law shuld be even handed between government and citizen. Clearly it cannot be the same for both since every government must necessarily have mant special powers. What the rule of law requisite is that the government should not enjoy unnecessarily privilges or exemptions from the ordinary Law."* ( **Wade & Forsyth, Administrative Law, 8Th Ed, Oxford, pg22**).

**48.** Issa l-Qorti eżaminat sewwa l-atti kollha u l-liġi inkwistjoni. Bħala regola ġenerali l-Liġi tippreżumi li kull każ huwa bħal ieħor u li kull każ jista' jkun itterminat fi żmien sitt (6) xhur kompriżi f'dan iż-żmien in-notifka tal-Atti, iż-żminijiet għall-għeluq preliminari bil-miktub, il-produzzjoni tal-provi kollha orali u dokumentali, trattazzjonijiet li x'aktarx jkunu bil-miktub u għalhekk iridu jingħataw iż-żmien u fl-aħħar is-Sentenza li mhux ser tingħata mil-lum għada (anke t-tribunal irid iż-żmien tiegħu). Di piu' kif jirraġunaw ben tajjeb ir-rikorrenti, it-Tribunal huwa presjedut minn Maġistrat

li ma hiex assenjata biss għal dawn ix-xorta ta' proċeduri iżda għandha volum ta' kull xorta xogħol li trid tlaħħaq miegħu.

**49.** Li ma kienx għal dak li ser jingħad, din il-Qorti kienet tasal għall-konklużjoni li min ifassal din il-liġi, ċertament ma kellux esperjenza ħolistika ta' kif jimxu l-kawżi. Ma jfissirx li din il-Qorti trid il-prolungament tal-Kawżi, altru. Imma min-naħa l-oħra l-anqas ma trid ma tkunx rejalistika u jingħad li sitt xhur, partikularment f'vertenzi li jridu il-ħsieb, sitt xhur ma humiex rejalistiċi u fil-kuntest ta' deċiżjonijiet amministrattivi, b'perjodi tant qosra huwa ċ-ċittadin li jkun fi svantaġġ. F'dan ir-rigward intqal li "*With regard to the notion of "equality of arms", i.e. the premise that "everyone who is a party to ... ... proceedings shall have a reasonable opportunity of presenting his case to the Court under conditions which do not place him at substantial disadvantage visa-vis his opponent"* (**Kaufman v. Belgium**).

**50.** Li ma kienx għal dak li ser jingħad aktar 'l quddiem kien ikollhom raġun ir-rikorrenti meta għidu, li fil-waqt li l-Awtorita' għandha iż-żmien kollu biex tagħmel ir-riċerka kollha dwar il-każ u tagħżel hi meta tipproċedi dan iqiegħed lill-parti l-oħra fi svantaġġ partikularment meta s-sistema tagħna ma tħaddanx il-prinċipju ta' "*disclosure*". Infatti l-Qorti tinnota li fl-istess kuntratt tal-2001 fir-rigward ta' dawn il-kirjiet jingħad hekk:

"*Il-Fondazzjoni fl-istess perjodu ghandha taghmel studju dwar liema minn dawk il-fondi ghandhom jibqghu jinkrew u liema minnhom ghandu jsir sforz biex tigi terminata l-lokazzjoni u l-fondi jigu uzati ghal skopijiet ohra tal-*

*Konkatidral ta' San Gwann bhala monument. Il-fondazzjoni ghandha taghmel ir-rakkomandazzjonijiet taghha lill-Gvern ta' Malta bhala Lokatur attwali"* (a' fol 5 u 6).

**51.** Mill-Affidavit ta' Dr. Hendrick Magro, Senior Professional Legal Officer fi ħdan l-Awtorita' intimata, jirrisulta b'mod ċar li kien hemm diversi talbiet fl-imgħoddi li jmorru lura għall-4 ta' Lulju 2003 biex tkun terminata l-kirjiet mertu ta' din il-proċedura. Fit-18 ta' Frar 2019 saret talba oħra mill-Fondazzjoni f'dan is-sens.

**52.** B'konsegwenza ta' hekk Dr. Hendrick Magro eżamina l-files u pprepara *case officer report* għall kull każ fejn spjega l-istorja ta' kull propjeta' u tal-informazzjoni kollha neċessarja kif ukoll prepara żewġ rakkomandazzjonijiet prinċipali fir-rigward tal-files kollha. Dan l-uffiċjal dar ukoll kull kuntratt ta' kirjiet relattivi safejn dawn kienu aċċessibbli. Kienet saret ukoll laqgħa meta Albert Mamo kien għadu Kummissarju tal-Artijiet dwar dawn il-vertenzi (ara Affidavit a' fol 28 sa 34).

**53.** Issa din il-Qorti trid tagħmilha ċara li huwa dritt sagrosant tal-Awtorita' intimata li qabel ma tipproċedi b'kawżi bħal dawn tagħmel xogħolha b'reqqa u diliġenza. Għandha ukoll id-dritt li tieħu ż-żmien tagħha kollu biex tagħmel dan. Fil-fatt li dan kellu jsir huwa magħruf mill-2001 kif indikat fil-Kuntratt inkwistjoni, tant li anke il-Fondazzjoni suppost għamlet studju li ċertament ħa ż-żmien tiegħu.

**54.** A propositu tal-fatti imsemmija, fid-dawl tat-terminu impost minn artikolu 13 tal-liġi irid jiġi osservat hekk:

"*that limitation of the hearing rule highlights the limited nature of another important aspect of procedural fairness, which is that people should have a fair opportunity to present their case or views before an adverse decision is made. When people come to the administrative process with a serious disadvantage, or perhaps several of them, the extent to which the trappings of fairness can overcome those problems must be questioned*". (**Equality Of Arms In Administrative Review by Matthew Groves. Deakin Law School. Melbourne University Law Review [Vol 46(3) pg 736**).

**55.** Din il-Qorti tagħraf li l-vertenza tal-proċeduri bejn il-partijiet tirrigwarda kwistjoni li lanqas ġiet risolta f'mitejn sena aħseb u ara kemm ser ikun hemm soluzzjoni tagħha fi żmien sitt xhur. Il-Qorti mhux qed tgħid, li ma għandux ikun hemm risoluzzjoni, iżda dan għandu jsir mingħajr ebda waħda mill-partijiet ma titqiegħed fi żvantaġġ proċedurali.

**56.** Il-Qorti ma tlumx li lill-Awtorita intimat li ħadet iż-żmien tagħha biex ħejjiet lilha nnifisha għall-proċeduri legali, iżda lanqas minn naħa l-oħra ma tista' tinjora li f'każ bħal dan, bl-imposizzjoni tat-terminu inkwistjoni r-rikorrenti ser ikunu fi svantaġġ anke għaliex parti biss minn dan iż-żmien biss ser ikun allokat għalihom. Anke l-Awtorita' intimata trid iż-żmien biex tressaq il-provi. Li din il-Qorti ma tara xejn sewwa hu li fil-waqt li l-Awtorita' daħlet għal dawn il-proċeduri armata sa snienha, mhux hekk fil-każ tar-

rikorrenti. Mhux għaliex huma miżmuma milli jirriċerkaw il-posizzjoni tagħhom iżda għaliex huwa manifestament ċar, li fiċ-ċirkostanzi jinsabu marsusin u daharhom mal-ħajt.

**57.** De facto għall-intimata Awtorita' il-Kawża ilha li ħasbet għaliha minn meta kellhom il-kumdita' taż-żmien biex iħejju għaliha. Għar-rikorrenti, bdiet mill-mument li ġew notifikati bil-Kawża b'sitt xhur żmien li jridu jikkondividuh mal-parti l-oħra biex iressqu il-każ tagħhom. Għalhekk japplika dak li intqal li "*Fair hearing implies that everyone who is party to civil proceedings shall have a reasonable opportunity of presenting his case to the Court under conditions which do not place him under a substantial disadvantage vis-à-vis his opponents"* **(X -vs- Sweden ,App no 434/58 Yearbook II (1958-59) pg 354 u X -vs- Belgium, App 7450/76 D7R 9 p.108 (110) ara ukoll Harris, Obyle and Warbrick Law of the Euorpean On Human Rights, 4th Ed, pg 415 para c**).

**58.** Pero' huwa minnu ukoll li anke l-leġislatur intebaħ li f'ċertu ċirkostanzi dan il-qosor ta' żmien jista' joħloq problema għall-partijiet tant li f'artikolu 81(2) ħasiblu għaliha għaliex iddispona li *"F'kull żmien, kull Bord, Tribunal jew Qorti li għandhom kompetenza jisimgħu xi proċedura taħt dan l-Att jistgħu għal raġunijiet serji u neċessarji, permezz ta' digriet jestendu għal perjodu raġonevoli ż-żminijiet li huma imposti fuqhom skont dan l-Att*".

**59.** Dan ifisser li għalkemm ir-rikorrenti għandhom raġun dwar il-limitazzjoni taż-żmien impost, l-anqas ma l-liġi ma tagħlaq il-bieb għal

kollox tant, li t-Tribunal jista' jtawwal raġjonevolment iż-żmien f'każijiet serji u neċessarji. Jekk il-każ tar-rikorrenti huwiex serju u neżessarju, din il-Qorti tħalli f'idejn it-tribunal biex jiddeċiedi, iżda trid issir din it-talba lit-Tribunal u r-rikorrenti għadhom fiċ-ċans li jagħmluha. Dan ifisser, li qabel ma jagħmlu talba bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti, ġaladarba hemm dan ir-rimedju taħt il-liġi, il-Qorti għal darba oħra ser ikollha tiddeklina li tisma' dan l-ilment. Jekk imbagħad tiġi miċħuda t-talba tagħhom u jekk ikunu jesistu ċ-ċirkostanzi skont il-liġi, ir-rikorrenti tibqalhom dejjem disponibbli l-azzjoni biex jadixxu illi din il-Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha.

Finalment din il-Qorti tħoss li fiċ-ċirkostanzi u għal mod kif hija mfassla din il-liġi l-ispejjeż għandhom ikunu sapportati mill-intimati Awtorita' u Avukat tal-Istat.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tiddeklina** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba għar-raġunijiet fuq imsemmija.

**Tiddeklina** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba rikorrenti.

Konsegwentement tiddeklina milli tipprovdi għar-rimanenti talbiet.

Spejjes tal-proċedura a’ karigu tal-intimata Awtorita’ u l-Avukat tal-Istat.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**